3 ta' Mejju, 1963.

Imħallfin:

S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.
Onor. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.

Lawrence Said nomine,

*versus*

Mario Farrugia nomine.

## Klawsola F.O.B.

*Bħala regola, il-klawsola F.O.B. timporta illi imiss lill-kompratur li jiddesinja lill-venditur il-bastiment li fuqu l-merkanzija għandha titgħabba.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur nomine wara li ppremetta illi hu xtara mingħand id-ditta konvenuta permezz tar-rappreżentant tagħha Mario Farrugia, mitt tunnellata larinġ ta' Tripoli ta' kwalita tajba bil-prezz ta' erba' soldi u sitt ħabbiet (-/4½d) il-kilo nett, f.o.b., Tripoli, li kellha tiġi konsenjata permezz ta' spedizzjonijiet parzjali matul ix-xahar ta' Frar (dok. A), u li d-ditta konvenuta naqset li tibgħat dawk il-mitt tunnellata larinġ u kwindi rrendiet ruħha inadempienti di fronti tiegħu — talab li tiġi dikjarata xolta u riżolta l-vendita tal-mitt tunnellata larinġ fuq riferita minħabba l-inadempienza tad-ditta konvenuta għar-raġuni ġa fuq riferita minħabba l-inadempienza tad-ditta konvenuta għar-raġuni ġa fuq spjegata: li l-konvenut nomine

jiġi konsegwentement dikjarat responsabbli għad-danni sofferti mill-attur minħabba dik l-istess inadempjenza, u li jiġu likwidati d-danni minnu sofferti għar-raġuni fuq indikata u konsegwentement il-konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lilu dik is-somma li tiġi likwidata bħala danni, bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż tal-kawża u relattivi, kompriżi dawk taċ-ċedola ta' depożitu tad-29 ta' Mejju, 1948, u tal-mandat ta' sekwestru tad-29 tal-istess xahar u tal-protest tat-28 ta' Frar, 1948;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha ssottometta illi kif jidher mid-dokument fil-kawża "Pace nomine — Farrugia" — li għaliha għamel riferenza — donnu li għal din il-kawża hu mhux rapresentant tal-"Consorzio Agrario della Tripolitania", u fil-meritu, mingħajr preġudizzju tal-premess, li l-attur għandu tort talli ma ġietx il-merkanzija fiż-żmien stabbilit billi hu kellu jieħu ħsieb jittrasporta dik il-merkanzija minn Tripoli għal Malta;

Rat in-nota tal-Porfessur Avukat Dottor Victor Caruana li biha assuma in rapresentanza tal-"Consorzio Agricolo della Tripolitania" bħala prokuratur ad litem tal-istess konsorzju nominat bi skrittura unita għall-ittra uffiċjali kontra Mario Farrugia presentata fit-28 ta' Lulju, 1948;

Rat id-digriet li bih ġie maħruġ barra mill-kawża il-fuq imsemmi Mario Farrugia.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Diċembru, 1958 li biha laqgħet l-ewwel żewġ talbiet magħmulin fiċ-ċitazzjoni u rriservat li tipprovdi dwar it-tielet talba aktar il-quddiem u l-ispejjeż ġew riżervati għas-sentenza finali, wara li kkunsidrat:—

Rat in-nota ta' l-appell tad-ditta konvenuta u l-petizzjoni tagħha li biha talbet illi dik is-sentenza tiġi revokata u t-talbiet tad-ditta attriċi jiġu miċħudin bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Rat ir-risposta ta' d-ditta attriċi li biha jingħad illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Fuq il-premessa illi hu xtara minn għand id-ditta konvenuta mitt tunnellata laringħ li kellha tiġi kunsinnata ma tul Frar, 1948 u li dik id-ditta naqset li tibgħat din il-merkanżija u għalhekk irrendiet ruħha inadempjenti lejh, l-attur biċ-ċitazzjoni talab li tiġi riżoluta dik il-vendita u, konsegwentement, id-ditta konvenuta tiġi kundannata għad-danni.

Fl-appell id-ditta konvenuta qegħda mhux biss tikkontrasta l-pretensjoni ta' l-attur li hi kienet inadempjenti iżda wkoll qed tikkontrasta l-fatt tal-bejgħa in kwantu li qed tgħid illi Mario Farrugia suppost ikkonkluda n-negozju ma l-attur għan-nom tad-ditta konvenuta ta' ħamsin tunnellata jekk l-attur jibgħat Tripoli l-bastiment biex jittraspostahom.

Farrugia, meta xehed fol. 229, afferma illi hu kellu l-awtorita biex jikkonkludi negozji hawn Malta għan-nom tad-ditta konvenuta mbagħad jibgħathom wara għall-eżekuzzjoni. Biex jispjega ruħu aħjar, Farrugia kompla jgħid illi ma jidhirlux li kien jikteb barra għall-aċċettazzjoni tal-proposta, imma meta kien ikollu kwotazzjonijiet kien jikkonkludi direttament, imbagħad jibgħat għall-eżekuzzjoni. Din kienet il-proċedura normali għaż-żmien kollu li dam

jirrappreżenta lill-konsorzju jiġifieri sentejn jew tlieta. La darba ffirma l-kuntratt fol. 5 sinjal — kompla jgħid Farrugia — illi l-każ kien jaqa fil-prattika fuq imsemmija, għax il-konsorzju kellu kwantita kbira ta' merkanzija li riedu jbiegħu a kwalunkwe kost. Farrugia spiċċa dik ix-xhieda tiegħu b'dan il-kliem:

"Issa donni qed niftakar li fil-każ partikolari jiena kont mort personalment Tripli u d-diriġenti tal-konsorzju kienu qaluli x'merkanzija kellhom u xi prezzijiet riedu tagħha, u kien għalhekk li meta ġejt Malta kkonkludejt dan in-negozju. Niftakar li fi Tripli kont tkellimt ma Signor Carlo Giusti, id-Direttur tal-konsorzju" (fol. 299-230).

Wara li Farrugia kien ta' din ix-xhieda nstemgħa, permezz ta' rogatorji, l-imsemmi Carlo Giusti. Hu kkonferma illi Farrugia kien mar Tripli f'Jannar, ta' l-1948, kif bħala rappreżentant tal-konsorzju f'Malta kien kultant imur biex jiddiskuti fuq l-affarijiet. F'dik l-okkażjoni kien mar biex jiddiskuti fuq l-esportazzjoni tal-larinġ u ħwejjeġ oħra. Huma kienu tkellmu ndubbjament fuq il-prezzijiet tal-laring: iżda x-xhud innega illi f'dik l-okkażjoni hu kien ta lil Farrugia prezz fiss "in quanto prima di conchiudere qualsiasi affare il sig. Farrugia doveva telegrafare a Tripoli per avere la conferma dei prezzi u delle condizioni degli affari prospettati." (fol. 244).

Apparti mid-dokumenti dawn huma l-uniċi żewġ provi diretti fuq din il-kwistjoni ta' l-awtorita, in ġenerali, ta' Farrugia, u fil-konflitt bejniethom ma jidherx li jista' jingħad li ġie sodisfaċentement pruvat illi Farrugia kellu r-rappreżentanza ġenerali u kompleta tal-konsorzju. Għad illi fil-kuntratt fol. 5 hu ffirma bħala "managing representative" ta' dik id-ditta, anqas hu stess meta xehed kif intqal hawn fuq

ma ppretenda verament li kien istitur tagħha. Dak li ppretenda, fis-sens *illi* hu kien *"jikkonkludi"* meta kien ikollu "kwotazzjonijiet" ċioe **istruzzjonijiet fermi dwar disponibilita ta' kwantitativi u prezzijiet**, ma jammontax għal iżjed minn sempliċi aġenzija tal-Kummerċ. U huwa appuntu "aġent" li hu sejjaħ lilu nnifsu fit-telegramma tiegħu fol. 211 u meta xehed fol. 119.

Ċertament jekk, kif qal hu, id-ditta kienet tkun qaltlu x'*merkanzija* kellha u xi prezzijiet riedet tagħha hu kien ikun jista', fil-limiti ta' dawk l-istruzzjonijiet, jaċċetta ordnijiet għaliha iżda t-Telegrammi aktarx juru illi bħala prattika u regola hu kien jissikura l-aċċettazzjoni u l-konferma tad-ditta qabel ma jikkonkludi negozji.

Rigward l-operazzjoni in kwistjoni l-korrispondenza telegrafika, speċjalment it-telegrammi fol. 192, 193, u 149 u 151 juru illi, hekk kif id-ditta ġiet informata biha minn Farruġia hi pprotestat li ma kienetx awtorizatu biex jieħu dak l-impenn u li għalhekk kienet tiddiskonoxxieh. Dak li jidher li ġara hu illi Farrugia ffraintenda u oltrepassa l-istruzzjonijiet kontenuti fit-telegramma tad-9 ta' Jannar 1948 fejn qalulu biex jikkonferma bil-prezz ta' "nove mal" (korrispondenti għall-4½d) **għal dak ix-xahar** iżda li d-ditta ma kienetx tikkonferma **għax-xahar ta' Frar** peress illi kienet tipprevedi awment tal-prezz (fol. 188 u fol. 153, 151, 149 u 147).

Iżda hi kif inhi din il-kwistjoni l-Qorti jidhrilha illi, għal finijiet ta' din il-kawża, mhux essenzjali li tingħata pronunċja dwarha, peress illi ankorke kellu jiġi ritenut illi Farrugia kien inizzjalment awtorizzat li jobbliga lid-ditta konvenuta għall-kwantitattiv kollu ta' mitt tunnellata kuntrattat ma l-attur jew, alternattivament, illi, għad li hu ma kienx

hekk awtorizzat inizzjalment, id-ditta irratifikat l-agir tieghu dwar dak il-ftehim, il-pretensjoni ta' l-attur xorta wahda ma' tistax issehh ghal ragunijiet ohra.

Fil-kuntratt fol. 5 jinghad illi l-mitt tunnellata kellhom jintbaghtu Malta bi spedizzjonijiet parzjali **ma tul ix-xahar ta' Frar, 1948.** Meta xehed Joseph Said, li kien ikkuntratta ma Farrugia din l-operazzjoni flok missieru li kien marid, hu qal illi wara li sar il-kuntratt hu qal lil Farrugia biex jittelegrafa lill-konsorzju biex ma l-ewwel tluq taċ-"Celio" jlestu ghoxrin tunnellata, imbark parzjali, u hu lesta l-"entries", l-"import licences" u l-garanzija ma l-aġent tal-vapur. Meta dahal iċ-"Celio" ma ġiebx il-merkanzija, Farrugia qallu biex jiehu paċenzja u jistenna sa vjaġġ iehor. Allura Said ċempel id-Dwana biex l-'entries' ma jikkalkolawhomx billi l-larinġ ma kienx ġie. Hu stenna vapur iehor, imbaghad Farrugia ssuġġerielu biex jibghatu l-"Maleth" biex iġib il-larinġ iżda, dak il-vapur, imhabba l-maltemp ma setax isiefer. Joseph Said kompla jghid illi hu kemm il-darba xtara minn Tripli, dejjem F.O.B., u dejjem hadu hsieb biex jghabbu huma ċioe l-vendituri) u hu qatt ma ndahal f'vapuri.

Fil-fehma tal-Qorti, l-allegazzjoni ta' Joseph Said illi d-ditta konvenuta kellha tispedixxi ghoxrin tunnellata **mill-partita in kwistjoni** maċ-'Celio' li dahal Malta **fis-sebgha** ta' Frar, ma hiex konsistenti mal-provi. Id-dokument FF fol. 31 juri illi l-'entries' annessi mieghu kienu jirriferixxu ghall-"import licence" datata **26 ta' Jannar, 1948** ċioe bosta granet qabel ma ġie iffirmat il-kuntratt in kwistjoni u ghalhekk ma jidherx illi dawk id-dokumenti setghu jirriferixxu ghal parti mil-larinġ li fforma l-oġġett ta' dak il-kuntratt. Sfortunatament, nonostante l-insistenzi tal-Qorti dik l-import licence ma setghatx tiġi rintraċċjata. Iżda mhux negat illi l-attur kellu,

qabel dak in kwistjoni, negozji oħra ta' lariġ mad-ditta konvenuta. Mario Farrugia meta xehed fol. 40 qal illi l-partita ta' lariġ in kwistjoni kienet ta' mitt tunnellata u kellha tintbgħat **f'żewġ consignments** ta' ħamsin **tunnellata l-wieħed.** Dan hu konfermat minn Carlo Giusti li xehed illi l-attur kien ikkommissjona lil konsorzju partita ta' mitt tunnellata "da dividersi in **due partite di cinquanta tonnellate ciascuna**" (fol. 74). L-ittra ta' Mario Farrugia fol. 93 tikkonferma wkoll illi l-partita kollha kellha tintbgħat f'żewġ spedizzjonijiet u fit-trattazzjoni kollha tal-kawża l-Qorti fehmet illi dan kien tista' tgħid terren komuni. Fl-istess nota ta' l-attur fol. 138 jissemmew espressament żewġ partiti: **"l-ewwel ħamsin tunnellata"** u **"t-tieni ħamsin tunnellata"** u ebda addebitu ma hemm ta' inadempjenza da parti tad-ditta konvenuta għax ma' bagħtetx merkanzija maċ-'Celio' tas-**7 ta' Frar**: L-addebiti huma magħmulin għal partenzi tas-sitta (16) u tas-sitta u **għoxrin** (26).

Il-kwistjoni fondamentali f'din il-kawża hija min kellu jipprovdi l-mezz ta' trasport għall-ispedizzjoni. Fil-fehma tal-Qorti l-provi kollha issa rakkolti juru bla ma jħallu dubju illi, almenu żgur għall-ewwel 50 tunnellata, il-mezz ta' trasport kellu jipprovdieh **l-attur.** L-ewwelnett bħala norma, il-klawsola F.O.B. timporta illi jmiss lill-kompratur li jiddisinja lill-venditur il-bastiment li fuqu l-merkanzija għandha titgħabba. Jista' jkun, anzi jidher li aktarx kien hekk, illi trattandosi ta' xiri ta' merkanzija minn Tripli fiż-żmien in kwistjoni, ix-xerrejja kienu fil-prattika jindikaw id-dati li fihom kienu jixtiequ illi l-merkanzija tasal u jħallu f'idejn id-ditta konvenuta li tagħmel l-arranġamenti hi għall-imbark, peress illi min Tripli, għal Malta dak iż-żmien kien hemm biss ċerti bastimenti li kienu regolarment jiġu Malta f'dati fissi kull xahar. **Iżda fil-każ preżenti** l-provi juru illi **l-ftehim kien** li għall-ewwel spedizzjoni żgur l-attur **kellu**

**jibghat hu l-bastiment.** Mill-ewwel darba li xehed, Mario Farrugia (fol. 40) qal: "għall-ewwel consignment id-ditta Said (recte Matteo Tabone) **kellha tibgħat vapur.**" Spiridione Dalli, xhud prodott mill-attur, xehed: "darba l-attur xtara mitt tunnellata laring minn għand il-konvenut Farrugia u **kellu jibgħat il-Maleth"** (fol. 41 tergo). Carlo Giusti xehed illi l-ftehim kien illi l-ewwel partita kellha tkun imbarkata **"in una nave predisposta dal committente proveniente da Malta".** Farrugia meta reġa' xehed fol. 119 qal: "meta saret l-iskrittura tan-negozju, verbalment kont ftihemt ma l-attur illi għat-trasport għandu jaħseb hu." Anki fol. 182 et. seq. Farrugia kompla jafferma *illi,* *billi* x-xiri sar *F.O.B.* "il-vapur kellu jipprokurah ix-xerrej": illi l-vapur desenjat mill-attur fil-każ preżenti kien *il-"Maleth"* u *illi,* għalkemm dan il-vapur kellu jmur għall-ewwel ħamsin tunnellata "pero anki għat-tieni ħamsin tunnellata, una volta li l-ftehim kien ukoll F.O.B., it-trasport kellu jaħseb għalih ix-xerrej."

Iżda, oltre dawn il-provi testimonjali, il-fatt illi l-ewwel spedizzjoni kellha ssir permezz tal-'Maleth' jidher abbondantament konfermat mill-korrispondenza telegrafika li għaddiet bejn Farrugia u d-ditta konvenuta. (A skans ta' ekwivoċi *jiġi rilevat illi għalkemm fit-telegrammi fol.* 189, 190 u 192 jisemmew ħamsa u għoxrin tunnellata laring illi d-ditta konvenuta kienet *impenjata għalihom* u kienet ser timbarka fuq il-vapur tat-Terrenja tas-6 ta' Frar, jidher manifest mill-kompless kollu tal-provi li dik il-partita ma setgħatx kellha x'taqsam xejn man-negozju in kwistjoni. Biżżejjed jingħad illi dawk il-ħamsa u għoxrin tunnellata bdew jissemmew sa mit-telegramm fol. 189 datat **tlettax (13) ta' Jannar, 1948,** ċioe wisq żmien qabel ma sar il-kuntratt in kwistjoni. Id-ditta konvenuta ma kienetx tagħmel negozji ma' l-attur biss u jidher ċar illi l-imsemmija partita ta' ħamsa u għoxrin tunnellata kienet *riferibbli għal xi importatur ieħor.*

Inveċe għall-ewwel ħamsin tunnellata tal-kuntratt in kwistjoni jirriferixxi t-telegramm datat 4 ta' Frar, 1948 fol. 193 li jgħid: "solo ora veniamo conoscere impegni voi assunti. Solo aiutare mantenere impegni voi assunti anche perdendo denaro **et qual ora Maleth partito potremo caricare solo questo mezzo.**"

Iżda anqas l-attur verament ma jikkontesta illi hu kellu jibgħat il-Maleth. Fin-nota fol. 88 l-attur jammetti **illi f'ċertu mument it-trasport tal-laring in kwistjoni kellha tieħu ħsiebu d-ditta attriċi.** Dak li jippretendi l-attur huwa — kif jissokta jingħad f'dik in-nota — illi **"in segwitu d-ditta konvenuta assumiet din ir-responsabbilità u naqset milli tadempixxi l-obbligi tagħha mhux għax ma rnexxielix issib spazju biżżejjed fuq il-vapuri tat-Terrenja imma għaliex ippreferiet li tbiegħ il-laring in kwistjoni lill-ħaddieħor bi prezz għola."**

Issa fil-fehma tal-Qorti dan hu preċiżament dak li ma jirriżultax mill-provi.

Sta di fatto illi l-Maleth li kellu jieħu ħsieb jibgħat għall-merkanzija l-attur ma marx. Hu **kontra** l-provi li jingħad illi, kwindi, id-ditta konvenuta **"asumiet hi r-responsabilità"** li tipprovdi l-mezz ta' trasport. Infatti jirriżulta illi, fl-aspettativa li l-Maleth jasal Tripli kif promess mill-attur jew minn Farrugia għalih, id-ditta konvenuta lestiet il-merkanzija għall-imbark. Benjamino Sodaro, magazzinier tad-ditta, xehed illi fl-ewwel ġranet ta' Frar, 1948 hu illesta, fil-kaxex pronti għall-ispedizzjoni, 50 tunnellata laring, għal klient minn Malta. Din il-partita baqgħet fid-depożitu għal diversi ġranet sa kemm il-frott beda jitħassar u kien neċessarju illi jerġgħu jinfetħu l-kaxex biex jiġi rikondizzjonat il-frott. Dan baqa sejjer sa l-aħħar ta' Frar sa kemm il-partita kollha

giet rikondizzjonata u imhabba li ntat taghha, kellha timbiegh fuk is-suk t'Itali Sodaro ma jsemmiex l-isem tal-klient Malti: iżda jirriżulta b'a dubju mix-xhieda l-ohra u abbondantement mit-telegrammi illi dak il-klient kien l-attur u illi l-partita ta' 50 tunnellata li giet allestita u ddeterjorat ruhha minhabba li ma gietx irtirata kienet dik li kellu jibghat ghaliha l-attur.

Il-"Maleth" ma sieferx minhabba l-maltemp. Iżda hu ċar illi dan il-fatt ma kien bl-ebda mod jisposta l-obbligu ghall-provvediment ta' trasport fuq id-ditta konvenuta. Talvolta dak il-fatt, jekk jitqies bhala "forza maġġuri" sata jiġi nvokat mill-attur kieku l-kawża kienet ghad-danni kontra tieghu: iżda din mhiex il-kawża preżenti li fiha dak li hu mportanti hu illi l-attur ma jistax evidentement jinkolpa lidditta konvenuta bl-impossibilità tieghu nnifsu jew jippretendi illi dik l-impossibilità kreat, alura, obbligu legali fiddìtta konvenuta.

M'hemm assolutament ebda prova fil-proċess illi din kienet skuża da parti tad-ditta konvenuta jew illi l-merkanzija destinata ghall-attur intbaghtet lil haddiehor. Anzi, kif ġa ntqal il-provi juru illi, minhabba r-ritard ta' l-attur, kien tassew impossibbli illi l-merkanzija tintbghat lilu maċ-Celio ta' dik id-data u illi dik il-merkanzija, anki wara dik id-data baqghet ghad-dispożizzjoni ta' l-attur li naqas li jiehu hsieb jirtiraha anki wara li ghadda l-maltemp u sakemm thassret u kellha tinbiegh Tripli bhala avarjata. Fit-telegramm taghha tad-19 ta' Frar (fol. 196) id-ditta konvenuta avżat lil Farrugia illi kien "Partita 50 tons sconsigliabile attendere Tirrenia ventisei: pertanto urgenzate invio Maleth: comunque cautelatevi restando inteso che merce rimane esclusiva disposizione compratore poi chè appuntata dietro sua forma ordinazione."

L-attur jippretendi illi d-ditta konvenuta kienet almenu obbligat li timbarka dik il-partita jew almenu t-tieni partita tal-ħamsin tunnellata l-oħra mal-partenza tas-26 ta' Frar: iżda din il-pretensjoni ma hiex fondata. Id-ditta konvenuta kellha kull dritt tinsisti illi l-attur iżomm il-ftehim tiegħu 'i jibgħat il-Maleth kif appuntu qaltlu biex jagħmel fit-telegramm l-aħħar imsemmi. Fit-telegramm sussegwenti tal-21 ta' Frar id-ditta konvenuta informat lil Farrugia (u kwindi lill-attur) illi kien impossibbli li timbarka l-partita ta' ħamsin tunnellata fuq it-Tirrenia tal-26 "perchè data lunga giacenza merce trovasi atto avaria et necessita scondizionamento et collocamento locale al meglio. Protestiamo quindi formalmente mancato arrivo Maleth et consequente mancato ritiro partita rendendovi responsabile eventuali danni" (fol. 197). Anki fit-telegramm ta' l-24 ta' Frar (fol. 198) id-ditta konvenuta kienet għadha tipprotesta illi l-attur ma kienx irtira dawk il-ħamsin tunnellata "ormai semi avariati con elevati danni."

Intant mix-xhieda stess ta' Joseph Said jirriżulta illi wara li għamel it-telegrammi fol. 27 u 29 biex jirrakkomanda illi il-ħamsin tunnellata jiġu mibgħuta fuq iċ-Celio tas-16 ta' Frar (ħaġa li kif intqal ma nstabetx possibbli minħabba r-ritard tiegħu), hu ma kkomunika qatt iżjed mad-ditta konvenuta u qal li ħalla f'idejn Farrugia biex jieħu ħsieb hu u jirrakkomandalhom biex isegwu l-kuntratt.

Iżda hi fehma tal-Qorti illi jekk kien hemm inadempjenza din kienet da parti ta' l-attur. Ġa la darba hu naqas li jipprovdi l-mezz ta' trasport kif kien obbligat u ma rtirax l-ewwel ħamsin tunnellata li ħallieha f'wiċċ id-ditta konvenuta titħassar b'telf tagħha bla ma għamel xejn biex jovvja

dak id-dannu jew jobbliga ruħu li jirrisarċieh, hu ċar, fil-fehma tal-Qorti, illi d-ditta konvenuta ma kellha l-ebda obbligu li tibgħat it-tieni ħamsin tunnellata li del resto anqas jidher li għalihom l-attur jew Farrugia taw xi istruzzjonijiet lid-ditta konvenuta.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet ta' l-attur deċiżi b'dik is-sentenza.

L-ispejjeż ta' din l-istanza, minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ u partikolarment il-produzzjoni tardiva ta' bosta mill-provi da parti ta' l-appellant, jibqgħu mingħajr taxxa ħlief id-dritt tar-Reġistru li jħallsu l-attur. Kwantu għall-ispejjeż ta' prim'istanza, peress li dawn kienu ġew riservati mill-ewwel Onorabbli Qorti, il-Qorti tirrimetti l-atti lilha għad-deċiżjoni tagħhom.